MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 249/2007

**Wara l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 177/07 maħruġ fis-7 ta' Frar, 2007, fl-ismijiet:**

**ISLAND BUNKER OILS LIMITED**

**vs**

**S & D YACHTS LIMITED bħala aġenti għan-nom u in rappreżentanza tal-Motor Yacht "*Enigma*" u tas-sidien tiegħu; u s-soċjeta' National Fuelling u Wake Marine Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta' Marzu, 2007 li bih il-kumpannija eżekutata S & D Yachts Limited ippremettiet:

Illi l-esponenti S & D Yachts Limited xtaqet tissenjala għall-attenzjoni tal-Qorti illi hija ma għandhiex ir-rappreżentanza tas-soċjeta' National Fuelling u Wake Marine Limited; fil-fatt ma għandha ebda kuntatt ma' Wake Marine Limted u ma għandha ebda kuntatt ma' din is-soċjeta';

Illi l-esponenti sa fejn awtorizzata fil-vesti ta' Agenti tal-Motor Yacht Enigma ma hijiex qed titlob ir-revoka tal-parti sostanzjali tal-Mandat fejn ġiet inibita milli tmiss jew tiddisponi mis-*sample*; hija pjenament qed tikkonforma mat-termini tad-digriet;

Illi li ġara huwa illi meta ġiet notifikata bir-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, hija ma fehmitx illi kienet ġiet intimata anke fil-kwalita' rappreżentattiva tas-soċjeta' National Fuelling u Wake Marine Limited u fehmet biss illi kellu żżomm f'idejha is-*sample,* ħaġa li tagħmel bħala proċedura *routine;* meta rċeviet id-digriet u ikkonsultat ruħu, irriżultalha illi ġiet inibit anke f'kapaċita' rappreżentattiva li ma għandhiex;

Illi għalhekk l-esponenti qiegħed l-ewwel nett jissenjala dan il-fatt għall-attenzjoni tal-Qorti u xtaqet jitlob ir-Revoka ta' din il-parti tad-digriet fejn ġiet intimata u inibita fil-kwalita' rappreżentattiva tas-soċjeta' National Fuelling u Wake Marine Limited;

Għaldaqstant l-esponenti talbet li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka dik il-parti tal-Mandat ta' Inibizzjoni "*de quo"* fejn hija ġiet inibita fil-kwalita' rappreżentativa tas-Socjeta' (barranin) National Fuelling u Wake Marine Limited stante li m'għandhiex tali rappreżentanza;

Rat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni li għalihom tirreferi t-talba ta' S&D Yachts Ltd;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-14 ta' Marzu, 2007;

Rat il-verbal magħmul waqt is-smigħ tal-lum mill-Avukat Allison Vassallo f'isem il-kumpannija intimata eżekutanti li

permezz tiegħu qablet mal-premessi tar-rikors ta' S & D Yachts Ltd. u mat-talba magħmula;

Rat l-art. 836(3) tal-Kap.12;

**Tilqa' t-talba** mressqa mill-kumpannija S & D Yachts Ltd. fis-sens li tħassar l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 177/07 fl-ismijiet premessi in kwantu jolqtu lill-kumpannija S & D Yachts Ltd. bħala aġenti għan-nom u in rappreżentanza tal-Motor Yacht "Enigma" u tas-sidien tiegħu; iżda żżommu sħiħ għall-bqija.

**Spejjeż għall-intimata eżekutanti** Island Bunker Oils Limited.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------